FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Gunju 2002**

**Numru 1**

**Avviz numru 394/02**

**The General Soft Drinks Co Ltd**

**vs**

**Keith Mercieca**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm534.23 (hames mija u erba u tletin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut kif jirrizulta mid-dokument markat Dok 1 anness mal-avviz tat-talba. Bl-imghaxijiet mill-5 ta' Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi l-konvenut ma hux il-legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa kien biss jahdem fil-hanut fejn giet ikkonsenjata l-merkanzija in kwisjtoni;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-azzjoni hija preskritta a ternur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;

Illi t-talba attrici ghalhekk hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra n-nota ta' ammissjoni.

Jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm534.23 (hames mija u erba u tletin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**